# Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali

## Maġistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija

(Spettur Sherona Buhagiar)

vs

Stefan Azzopardi

Kawża Numru: 505/2025

Illum, 8 ta' Ġunju, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkużi miġjuba kontra Stefan Azzopardi detentur tal-karta tal-identità bin-numru 0423388M akkużat talli **nhar is-07 ta' Ġunju 2025, f'diversi ħinijiet, ġewwa l-Gżejjer Maltin**;

1. Bl-intenzjoni li jikkawża dwejjaq, hsara emozzjonali jew ħsara ta' kull xorta lill-eks sieħba tiegħu **Chirstie Grech**, ħa jew żvela xi ritratt jew xi film sesswali privat mingħajr il-kunsens ta' Chirstie Grech jew persuni murija jew irrappreżentati f'dak ir-ritratt jew film;

*Art. 208E(1) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

2. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, ikkaġuna lill-eks sieħba tiegħu **Chirstie Grech**, biża li se tintuża vjolenza kontriha jew kontra l-proprjetà taghha jew kontra l-proprjetà ta' xi ħadd mill-axxendenti, dixxendenti, aħwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1);

*Art. 251(3), Art. 251H(a) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

3. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, permezz ta' xi network jew apparat ta' komunikazzjoni elettronika, hedded li jagħmel xi reat; jew bil-ħsieb li jieħu xi flus jew xi ħaga oħra, jew biex jagħmel xi gwadann, jew bil-ħsieb li jġieghel lill-eks sieħba tiegħu **Chirstie Grech** biex tagħmel, jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa, hedded li jakkuża jew li jagħmel ilment kontra, jew biex immalafama lil Chirstie Grech jew xi persuna oħra; jew għamel użu ieħor mhux xieraq bih;

*Art. 49(a)(b)(c) tal-Kapitlu 399 tal-Liġijiet ta' Malta*

4. U aktar talli fl-istess data, ħinijiet, lok u ċirkostanzi, għamel inġurji jew theddid mhux imsemmijja band'oħra fil-Kodiċi Kriminali lill-eks sieħba tiegħu **Chirstie Grech** jew, jekk kien ipprovokat, inġurja b'mod li ħareġ barra mill-limiti tal-provokazzjoni.

*Art. 339(1)(e) tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta*

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħrog Ordni ta' Protezzjoni, inkluza fil-mori tal-kawża kontra **Stefan Azzopardi** a` benefiċċju ta' **Chirstie Grech** u dan fit-termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba wkoll f'każ ta' ħtija, sabiex tipprovdi għas-sigurtà ta' **Chirstie Grech** kif jew sabiex tinżamm il-bon ordni pubblika, flimkien mal-piena applikabbli għar-reat, torbot lil **Stefan Azzopardi** billi tapplika l-Artikoli 382A et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq u, jew torbot lil **Stefan Azzopardi** b'obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta' somma flus li tiġi ffissata mill-Qorti billi tapplika l-Artikoli 383 et seq. tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, għal żmien li tħoss xieraq.

Il-Qorti hija ġentilment mitluba sabiex f'każ ta' ħtija, minbarra li tinflinġi l-pieni stabbiliti mill-Liġi, tordna lil **Stefan Azzopardi** sabiex iħallas l-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti, jekk ikun il-każ, hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti;

Rat l-Artikoli indikati 208E(1), 222(1), 251(3), 251H(a) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, 49(a)(b)(c) tal-Kapitolu 399 tal-Liġijiet ta' Malta, 412C, 382A et sequitur, 383 et sequitur u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Semgħet lill-imputat jirreġistra ammissjoni tal-akkużi kif dedotti kontrih u wkoll reġa' kkonferma l-ammissjoni tiegħu anke wara li ngħata żmien raġonevoli sabiex jaħsibha;

Stante ammissjoni bikrija u stante li l-akkużat ikkopera bis-sħiħ mal-prosekuzzjoni, issib lill-imputat Stefan Azzopardi ħati tal-akkużi kollha kif dedotti kontrih u ghat-tielet (3) akkuża tikkundannah multa ta' erba' mitt ewro (€400), filwaqt li għall-akkużi l-oħra kollha bl-applikazzjoni tal-Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tikkundannah għal piena ta' sitt (6) xhur priġunerija li qed jiġu sospiżi għal sena.

Il-Qorti tordna wkoll Ordni ta' Trażżin ai termini tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta għal tliet (3) snin fil-konfront ta' Christie Grech u liema ordni għandha tifforma parti integrali ma' din is-sentenza.

Finalment spjegat fi kliem sempliċi lill-imputat Stefan Azzopardi r-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tiġix obduta.

---------------------------------------------
**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Maġistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Reġistratur**